V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10529 – HEIDELBERGCEMENT / THOMA BRAVO / COMMAND ALKON)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 121/04)

1. Fis-7 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— HeidelbergCement AG ("HeidelbergCement", il-Ġermanja);

— Thoma Bravo, LLC ("Thoma Bravo", l-Istati Uniti tal-Amerka);

— Command Alkon, Inc. ("Command Alkon", l-Istati Uniti tal-Amerka).

HeidelbergCement jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Command Alkon.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— HeidelbergCement hija manifattur ta' materjali tal-bini li joffri b'mod partikolari siment, gagazza u addittivi oħra tas-siment, aggregati, konkrit imħallat lest u prodotti oħra tal-konkrit, miksijin u asfalt,

— Thoma Bravo hija ditta ta' ekwità privata b'enfasi partikolari fuq l-applikazzjoni u s-software tal-infrastruttura u s-servizzi abilitati mit-teknoloġija,

— Command Alkon tipprovdi soluzzjonijiet ta' software ta' awtomazzjoni fl-Istati Uniti tal-Amerka u fl-UE użati fl-industrija tal-materjali tal-bini tqil għal diversi skopijiet (ipprezzar u kwotazzjonijiet, teħid ta' ordnijiet, skedar u konsenja, dispaċċ, lottijiet, biljetti, traċċar tat-trakkijiet u ġestjoni tat-trakkijiet, kontroll tal-kwalità, riċetti u produzzjoni).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10529 – HEIDELBERGCEMENT / THOMA BRAVO / COMMAND ALKON

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË